DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Novembru 2013

li temenda d-Deċiżjoni 2008/294/KE biex jiġu inklużi teknoloġiji tal-aċċess u baned tal-frekwenza addizzjonali għas-servizzi tal-komunikazzjoni mobbli fuq l-inġenji tal-ajru (servizzi MCA)

(notifikata bid-dokument C(2013) 7491)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/654/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispettru tar-radju fil-Komunità Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Ispettri tar-Radju) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/294/KE ([2]) fl-Anness tagħha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tekniċi u operattivi meħtieġa biex ikun jista' jintuża l-GSM abbord l-inġenji tal-ajru.

(2) L-iżvilupp ta' mezzi aħjar tal-komunikazzjoni appoġġat mill-progress tekniku se jtejjeb il-kapaċità għal kull ċittadin biex ikun konness dejjem u kullimkien. Dan jgħin ukoll biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa ([3]) u tal-istrateġija Ewropa 2020.

(3) Sabiex tħejji għall-użu tal-aħħar teknoloġiji u frekwenzi disponibbli għall-provdiment ta' servizzi MCA, fil-5 ta' Ottubru 2011 il-Kummissjoni tat mandat lill-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjoni ("is-CEPT") skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE biex tivvaluta l-kompatibbiltà teknika bejn it-tħaddim tas-sistemi UMTS fl-arju u teknoloġiji oħra possibbli fl-ajru bħal-LTE u l-WiMAX f'baned talfrekwenzi bħall-baned 2 GHz u 2,6 GHz, u servizzi tar-radju potenzjalment affettwati.

(4) Skont il-mandat tagħha, is-CEPT ipprovdiet ir-rapport tagħha fit-8 ta' Marzu 2013. Ir-rapport 48 tas-CEPT ikkonkluda li soġġetti għall-kundizzjonijiet tekniċi rilevanti, jista' jkun possibbli li jiddaħħlu teknoloġiji UMTS u LTE fil-baned 2 100 MHz u 1 800 MHz, rispettivament. Għalhekk, l-Anness tad-Deċiżjoni 2008/294/KE għandu jiġi emendat skont ir-riżultati tar-Rapport 48 tas-CEPT, biex ikun jinkludi dawn it-teknoloġiji u jkunu jistgħu jintużaw abbord l-inġenji tal-ajru.

(5) Billi fl-Unjoni t-teknoloġiji LTE u UMTS qed jintużaw dejjem aktar, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-aktar fis possibbli.

(6) Is-servizzi tar-radju eżistenti potenzjalment affettwati għandhom jingħataw protezzjoni xierqa billi tiġi limitata l-qawwa tat-trażmissjoni tas-servizzi MCA. Madankollu, billi l-użu tal-unità ta' kontroll tan-netwerk (NCU) aġġornata għall-banda 2,6 GHz se tieħu fit-tul sakemm jiġu miftiehma r-restrizzjonijiet tekniċi bejn l-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni ajrunawtika kompetenti sabiex tkun tista' tinbeda l-produzzjoni tal-NCUs u sakemm titlesta ċertifikazzjoni tal-ajrunavigabbiltà għal kull tip ta' inġenju tal-ajru, l-applikazzjoni tal-parametri tal-NCU għall-banda 2,6 GHz jistgħu jiġu posposti sal-1 ta' Jannar 2017.

(7) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-MCA għandhom jimxu id f'id mal-progress teknoloġiku.

(8) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2008/294/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi malopinjoni tal-Kumitat tal-Ispettru tar-Radju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2008/294/KE jinbidel bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Iċ-ċifri tal-banda 2 570–2 690 MHz stabbiliti fit-Tabella 3 tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2017.

([1]) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/294/KE tas-7 ta' April 2008 dwar il-kundizzjonijiet armonizzati għall-użu tal-ispettru għattħaddim tas-servizzi ta' komunikazzjoni mobbli fuq l-inġenji talajru (servizzi MCA) fl-Unjoni (ĠU L 98, 10.4.2008, p. 19).
([3]) COM(2010) 245 final.

Artikolu 3

Kemm jista' jkun kmieni u mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-baned tal-frekwenza, elenkati fit-Tabella 1 tal-Anness disponibbli għas-servizzi MCA fuq bażi bla interferenza u bla protezzjoni, diment li dawn is-servizzi jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-għoli minimu 'l fuq mill-art għal kull trażmissjoni minn sistema MCA li tkun qed titħaddem skont it-taqsima 3 tal-Anness.

L-Istati Membri jistgħu jimponu għoli minimu ogħla tat-tħaddim tal-MCA, meta dan ikunu jiġġustifikawh il-kundizzjonijiet nazzjonali topografiċi u tal-użu tan-netwerk fl-art. Din l-informazzjoni, sostnuta minn ġustifikazzjoni xierqa, għandha tkun notifikata lill-Kummissjoni fi żmien erba' xhur mill-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni

Neelie KROES

Viċi President

ANNESS

1. IL-BANED TAL-FREKWENZA U S-SISTEMI PERMESSI GĦAS-SERVIZZI MCA

Tabella 1

Tip	Frekwenza	Sistema
GSM 1 800	1 710–1 785 MHz (konnessjoni axxendenti) 1 805–1 880 MHz (konnessjoni dixxendenti)	GSM konformi mal-Istandards tal-GSM kif ippubblikati mill-ETSI, b'mod partikolari EN 301 502, EN 301 511 u EN 302 480, jew speċifikazzjonijiet ekwivalenti.
UMTS 2 100 (FDD)	1 920–1 980 MHz (konnessjoni axxendenti) 2 110–2 170 MHz (konnessjoni dixxendenti)	UMTS konformi mal-Istandards tal-UMTS kif ippubblikati mill-ETSI, b'mod partikolari EN 301 908-1 EN 301 908-2, EN 301 908-3 u EN 301 908-11, jew speċifikazzjonijiet ekwivalenti.
LTE 1 800 (FDD)	1 710–1 785 MHz (konnessjoni axxendenti) 1 805–1 880 MHz (konnessjoni dixxendenti)	LTE konformi mal-Istandards tal-LTE, kif ippubblikati mill-ETSI, b'mod partikolari EN 301 908-1, EN 301 908-13, EN 301 908-14, u EN 301 908-15, jew speċifikazzjonijiet ekwivalenti.

2. IL-PREVENZJONI TAL-KONNESSJONI TA' TERMINALI MOBBLI MA' NETWERKS FL-ART

Waqt il-perjodu meta jkun awtorizzat it-tħaddim tas-servizzi MCA fuq inġenji tal-ajru, it-terminali mobbli li jirċievu fil-baned tal-frekwenza elenkati fit-Tabella 2 ma għandhomx jitħallew jippruvaw jirreġistraw ma' netwerks mobbli fl-art.

Tabella 2

Banda tal-frekwenza (MHz)	Sistemi fl-art
460–470	CDMA2000, FLASH OFDM
791–821	LTE
921–960	GSM, UMTS, LTE, WiMAX
1 805–1 880	GSM, UMTS, LTE, WiMAX
2 110–2 170	UMTS, LTE
2 570–2 620	UMTS, LTE, WiMAX
2 620–2 690	UMTS, LTE

3. IL-PARAMETRI TEKNIĊI

(a) **Il-qawwa radjata isotropika ekwivalenti (e.i.r.p), fuq barra tal-inġenju tal-ajru, mill-NCU/BTS tal-inġenju tal-ajru**

Tabella 3

L-e.i.r.p. totali, fuq barra tal-inġenju tal-ajru, mill-NCU/BTS tal-inġenju tal-ajru/Node B tal-inġenju tal-ajru, ma għandhiex taqbeż:

L-għoli 'l fuq mill-art (m)	Id-densità e.i.r.p massima prodotta mill-NCU/BTS tal-inġenju tal-ajru/Node B tal-inġenju tal-ajru, fuq barra tal-inġenji tal-ajru					
	460–470 MHz	791–821 MHz	921–960 MHz	1 805–1 880 MHz	2 110–2 170 MHz	2 570–2 690 MHz
	dBm/1,25 MHz	dBm/10 MHz	dBm/200 kHz	dBm/200 kHz	dBm/3,84 MHz	dBm/4,75 MHz
3 000	– 17,0	– 0,87	– 19,0	– 13,0	1,0	1,9
4 000	– 14,5	1,63	– 16,5	– 10,5	3,5	4,4

L-għoli 'l fuq mill-art (m)	Id-densità e.i.r.p massima prodotta mill-NCU/BTS tal-inġenju tal-ajru/Node B tal-inġenju tal-ajru, fuq barra tal-inġenji tal-ajru					
	460–470 MHz	791–821 MHz	921–960 MHz	1 805–1 880 MHz	2 110–2 170 MHz	2 570–2 690 MHz
	dBm/1,25 MHz	dBm/10 MHz	dBm/200 kHz	dBm/200 kHz	dBm/3,84 MHz	dBm/4,75 MHz
5 000	– 12,6	3,57	– 14,5	– 8,5	5,4	6,3
6 000	– 11,0	5,15	– 12,9	– 6,9	7,0	7,9
7 000	– 9,6	6,49	– 11,6	– 5,6	8,3	9,3
8 000	– 8,5	7,65	– 10,5	– 4,4	9,5	10,4

(b) **Il-qawwa radjata isotropika ekwivalenti (e.i.r.p), fuq barra tal-inġenju tal-ajru, mit-terminal abbord**

Tabella 4

L-e.i.r.p. totali, fuq barra tal-inġenju tal-ajru, mit-terminal mobbli ma għandhiex taqbeż:

L-għoli 'l fuq mill-art (m)	L-e.i.r.p. massima, fuq barra tal-inġenju tal-ajru, mit-terminal mobbli GSM f'dBM/200 kHz	L-e.i.r.p. massima, fuq barra tal-inġenju tal-ajru, mit-terminal mobbli LTE f'dBM/5 MHz	L-e.i.r.p. massima, fuq barra tal-inġenju tal-ajru, mit-terminal mobbli UMTS f'dBM/3,84 MHz
	GSM 1 800 MHz	LTE 1 800 MHz	UMTS 2 100 MHz
3 000	– 3,3	1,7	3,1
4 000	– 1,1	3,9	5,6
5 000	0,5	5	7
6 000	1,8	5	7
7 000	2,9	5	7
8 000	3,8	5	7

(c) **Il-kundizzjonijiet operattivi**

I. L-għoli minimu 'l fuq mill-art għal kull trażmissjoni minn sistema MCA imħaddma għandu jkun 3 000 metru.

II. Waqt it-tħaddim, il-BTS tal-inġenju tal-ajru għandu jillimita l-qawwa tat-trażmissjoni ta' kull terminal mobbli *GSM* li jittrażmetti fil-banda 1 800 MHz għal valur nominali ta' 0 dBm/200 kHz f'kull stadju tal-komunikazzjoni, inkluż l-aċċess tal-bidu.

III. Waqt it-tħaddim, in-Node B tal-inġenju tal-ajru għandu jillimita l-qawwa tat-trażmissjoni ta' kull terminal mobbli *LTE* li jittrażmetti fil-banda 1 800 MHz għal valur nominali ta' 5 dBm/5 MHz f'kull stadju tal-komunikazzjoni.

IV. Waqt it-tħaddim, in-Node B tal-inġenju tal-ajru għandu jillimita l-qawwa tat-trażmissjoni ta' kull terminal mobbli *UMTS* li jittrażmetti fil-banda 2 100 MHz għal valur nominali ta' – 6 dBm/3,84 MHz f'kull stadju tal-komunikazzjoni u l-ammont massimu ta' utenti ma għandux jaqbeż l-għoxrin.